MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 327/2006

Kawza fil-lista: 39

**AB**
**vs**
**CD bhala mandatarju specjali ta' l-assenti EF, u sussegwentement sostitwit bil-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati b' digriet tat-30 ta' Marzu 2004**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti AB u l-assenti EF izzewgu fit-tmienja (8) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi dan iz-zwieg huwa vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

4. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b’ qerq dwar kwalita’ tal-intimat assenti li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;

6. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-tmienja (8) ta’ Awissu tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li huma m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-8 ta' Awissu 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tar-rikorrenti kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a] u [c], u dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta nkontrastat li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Awissu 1998 meta allura l-attrici, cittadina maltija kellha 22 sena, u l-konvenut assenti, cittadin libjan kellu 28 sena. Fis-sena 2003 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, u sussegwentement l-istess konvenut telaq ghal kollox lejn pajjizju.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li hija kienet ilha tohrog mal-konvenut qabel iz-zwieg, "off and on" circa erbgha [4] snin, u anke matul dak iz-zmien il-partijiet kienu diga' qed jirriskontraw diversi problemi minhabba l-vizzju tax-xorb li kellu l-konvenut u l-hegga tieghu li johrog mal-hbieb. Di fatti l-attrici tghid li huma qatt ma kellhom gherusija normali, u kienet ukoll tiehu l-pillola kontracettiva sabiex tassigura li ma tinqabadx tqila, peress li hi qatt ma riedet tfal.

Peress li f' dan iz-zmien il-konvenut li kien student, ma kellux permess biex jibqa' Malta, huwa kien kostrett li kull tlett xhur johrog minn Malta, u l-attrici tghid li "imbaghad kien beda gej u sejjer, kont inhallas hafna mill-passaggi jiena." Kien f' dan il-kuntest li l-konvenut kien ippropona zwieg lill-attrici sabiex tigi sorvolata din il-problema.

Illi, nonostante l-problemi li kienu jezistu fir-relazzjoni ta' bejniethom, l-attrici xorta wahda accettat li tizzewwgu bl-isperanza li wara z-zwieg il-konvenut ibiddel l-istil ta' hajtu; izda "aktar iqsu kompla jirvella wara z-zwieg." Hija tghid li wara li zzewwgu ma marrux joqghodu flimkien mal-ewwel, u l-konvivenza matrimonjali ta' bejniethom kienet qasira fis-sens ta' "xhur l-hemm u xhur l-hawn" u dana minhabba l-problemi ta' bejniethom fiz-zwieg.

Sussegwentement il-partijiet fuq talba ta’ l-attrici ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni fis-sena 1993 peress li l-attrici riedet tikkawtela l-proprjeta’ taghha minn xi djun li seta’ jaghmel il-konvenut tenut kont ta’ l-istil tal-hajja tieghu; u sussegwentement il-konvenut telaq minn Malta.

L-attrici tikkonferma li f’ din is-sitwazzjoni li kienet tirrizali anke mill-perijodu ta’ l-gherusija, hija qatt ma riedet tfal, u dahlet ghal din iz-zwieg bl-ideja li ma jkollhiex tfal fiz-zwieg, tant li kienet baqghet tiehu l-pillola kontracettiva, u eventwalment ghamlet il-coil biex tizgura dan il-fatt.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta car u manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali iz-zewg partijiet kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga. Kemm il-konvenut assenti, kif ukoll l-attrici ma gharrfux l-import tal-hajja matrimonjali: da parti tal-konvenut dan jirrizulta mill-mod kif huwa gab ruhhu wara z-zwieg; u da parti ta’ l-attrici, stante li, minkejja li kienet taf minn qabel bil-problemi serji li kienu jezistu fir-relazzjoni ta’ bejniethom, xorta wahda hija ghalqet ghajnejha u accettat li tizzewwgu, filwaqt li fl-istess hin accertat li ma jkollhiex tfal f’ dan iz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta, da parti taz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn iz-zewg partijiet fit-8 ta’ Awissu 1998. L-ispejjez jinqasmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------